MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Sede Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tas-16 ta' Ottubru, 2024

Appell Inferjuri Numru 318/2022 LM

**Sheldon Galea (K.I. nru. 572691M) u Emanuel Galea (K.I. nru. 265555M)**
*('l-appellanti')*

***vs.***

**Doris Cardona (K.I. nru. 595240M)**
*('l-appellata')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mill-atturi **Sheldon Galea (K.I. nru. 572691M)** u **Emanuel Galea (K.I. nru. 265555M)** [minn issa 'l quddiem 'l-appellanti'], mid-deċiżjoni mogħtija fil-21 ta' Frar, 2024 [minn issa 'l quddiem 'id-deċiżjoni appellata'], mit-Tribunal għal Talbiet Żgħar [minn issa 'l quddiem 'it-Tribunal'], li ddeċieda t-talbiet tagħhom fil-konfront tal-konvenuta **Doris Cardona (K.I. nru. 595240M)** [minn issa 'l quddiem 'l-appellata'], kif ġej:

> *"Għaldaqstant, it-Tribunal, jaqta' u jiddeċiedi dan il-każ billi jilqa' t-talba tal-atturi għal ħlas ta' ammont pendenti, iżda dan l-ammont qiegħed jiġi ridott għal €956. Konsegwentement jikkundanna lill-konvenuta biex tħallas lill-atturi s-somma ta' disa' mija u sitta u ħamsin euro (€956), bl-imgħaxijiet mid-data tat-talba sad-data tal-ħlas effettiv u finali (fn. 3: Id-data tal-ewwel att ġudizzjarju fejn intalab l-ammont dovut). L-ispejjeż ġudizzjarji marbuta ma' dawn il-proċeduri, għandhom jitħallsu ¾ mill-atturi u ¼ mill-konvenuta."*

**Fatti**

2. Permezz tat-talba tagħhom quddiem it-Tribunal, l-atturi spjegaw li d-defunta Carmen Galea, omm u mart l-atturi, kienet silfet *brevi manu* l-ammont ta' tlettax-il elf, disa' mija u sitta u sebgħin Euro (€13,976) lill-konvenuta, u minn din is-somma l-konvenuta ħallset lura l-ammont ta' disat elef, tmien mija u għoxrin Euro (€9,820). L-atturi qalu li saret diskursata bejn iben il-konvenuta, Paul Cardona, u l-atturi, fejn Paul Cardona wera li ma kellu l-ebda intenzjoni li jkompli jonora l-ħlas tal-bilanċ li kien għadu dovut, jiġifieri l-ammont ta' erbat elef, mija u sitta u ħamsin Euro (€4,156), oltre l-imgħaxijiet bit-tmienja fil-mija (8%) dekorribbli mis-sena 2008 sad-data tal-ħlas effettiv. L-atturi talbu lit-Tribunal jikkundanna lill-konvenuta tħallas il-bilanċ ta' erbat elef, mija u sitta u ħamsin Euro (€4,156) oltre l-imgħax mis-sena 2008, wara li jiddikjara li l-konvenuta hija debitriċi tal-atturi f'dan l-ammont.

3. Il-konvenuta wieġbet li, fl-ewwel lok, l-atturi għandhom jiddikjaraw l-interess tagħhom f'din il-kawża. Qalet li hija mhix debitriċi tagħhom la fis-somma pretiża minnhom u lanqas f'xi ammont ieħor, kif ser jirriżulta mill-provi, u mill-bqija qalet li t-talbiet tal-atturi huma infondati fil-fatt u fid-dritt.

## Id-Deċiżjoni Appellata

4. It-Tribunal wasal għad-deċiżjoni appellata billi kkunsidra is-segwenti:

*"Ra l-Avviż tat-Talba preżentat nhar is-7 ta' Novembru, 2022, fejn l-atturi talbu lit-Tribunal jiddikjara lill-konvenuta bħala debitriċi u jikkundanna u jordna lill-konvenuta tħallas is-somma ta' erbat elef, mija u sitta u ħamsin euro (€4,156) bħala bilanċ dovut minn somma akbar ta' €13,976 illi d-defunta Carmen Galea, li tiġi omm l-attur kienet sellfet brevi manu lill-konvenuta. Illi Paul Cardona li jiġi bin il-konvenuta, wera biċ-ċar li ma kellux l-intenzjoni li jonora l-ħlas dovut ta' €4,156 oltre l-imgħax bit-8% dekorribbli mis-sena 2008 sad-data tal-pagament effettiv, inkluż l-ispejjeż.*

*Ra r-risposta ta' Doris Caruana ippreżentata fil-11 ta' Jannar, 2023, fejn ikkontestat it-talba tal-atturi li kellha tiġi miċħuda stante li fl-ewwel lok ir-rikorrenti jridu jipprovaw l-interess tagħhom f'din il-kawża u fit-tieni l-konvenuta mhijiex debitriċi tar-rikorrenti la fis-somma reklamata fit-talba u lanqas fl-ebda ammont ieħor u dan kif ser jirriżulta mill-provi. It-talbiet huma ukoll infondati fil-fatt u fid-dritt.*

*Fis-6 ta' Frar, 2023, ġiet ippreżentata nota bl-affidavit ta' Sheldon Galea iben Carmen Galea, u Emanuel Galea r-raġel ta' Carmen Galea li ppreżentaw ċertifikat tal-mewt li juri li Carmen Galea mietet fil-31 ta' Jannar, 2020. Sheldon Galea jgħid li ommu kienet silfet €13,976 lil Doris Cardona minħabba li kienet qaltilha li kellha ħafna spejjeż. Dan l-ammont beda jitħallas lura mill-10 ta' Frar, 2011 kif jidher mill-anness ktieb tal-irċevuti mmarkat bħala Dok. SG2, fejn hemm 61 irċevuta u kien għamel xi pagamenti wkoll it-tifel ta' Doris Cardona, Paul Cardona, iżda kien baqa' bilanċ ta' €4,156. Illi minkejja li l-konvenuti ġew interpellati diversi drabi l-bilanċ baqa' pendenti. Hu kien ra l-karta li kien hemm bejn Doris u ommu fl-2008 meta saru jafu b'din l-istorja, iżda ommu kienet refgħetha u qatt ma sabuha. Hu ċaħad illi kienu tkellmu mat-tifel ta' Doris, Paul u qalulu biex iħallas ammont u jieqfu hemm. Ippruvaw jiftiehmu biex jaraw għalfejn ma riedx ikompli jħallas għax beda jgħid illi kien ħallsu kollox. Meta qal illi kien hemm żball ta' €400, hu kien iffirma l-aħħar irċevuta għax ra li kellu raġun fuq l-€400 għalkemm kien hemm missieru kien qabad il-biro u ffirma hu.*

*Emanuel Borg* [sic!] *ippreżenta dokument SG1 li juri li hu l-eredi ta' Carmen Borg* [sic!] *u kien ingħata prokura minn uliedu Sheldon, Paul, u Nathalie Galea Dok. EG1. Hu jgħid illi l-mara kienet sellfet is-somma ta' €13,976 lil Doris Cardona u beda jitħallas lura mill-10 ta' Frar, 2011 u hu u t-tifel tiegħu bdew jiġbru l-flus ftit ftit iżda kien baqa' bilanċ ta' €4,156. Minkejja li l-konvenuta ġiet interpellata biex tħallas il-bilanċ dan baqa' qatt ma sar. Fil-kontro-eżami jgħid li hu ma jafx meta Carmen kienet sellfet il-*

*flus lil Doris, iżda sar jaf fl-2008 meta mar mal-mara biex jiġbed il-flus mill-bank u induna li kien hemm ħafna anqas. Il-mara kienet qaltlu li kien hemm biċċa karta bejnha u bejn Doris u spjegatlu li kienet sellfet LM6,000 lil Doris, iżda ma setgħetx issib il-karta. Hu kien iżomm rendikont tal-ħlas u ċaħad illi l-mara kienet iżżomm rendikont fuq il-*lap top *għax ma kinitx taf tużah. Doris kienet tgħaddilu l-pagamenti u kien jiktibhom skont id-data dovuta b'lura. Meta kien isib il-flus fil-*letter box *kien imur għand Doris biex tiffirmalu l-irċevuta. L-ewwel irċevuta hija fl-2011 u kienet tiffirma l-mara jew it-tifla iżda wara kien jieħu ħsieb hu u kien jiffirma hu u kien hemm irċevuti li ffirma Sheldon. Ċaħad illi fl-2021 kien kellem lil Paul u qallu tini ammont u naqtgħuha. Hu fetaħ il-kawża biex ikomplu jħallsu għax Paul qallu li kien ħallas kollox. Hu dejjem ħareġ irċevuti għall-ħlas li kien isir.*

*Xehed Paul Cardona illi ommu kienet silfet LM3,000 mingħand Carmen Galea fi żminijiet diversi wara l-2008. Ommu kienent tħallas lil Carmen direttament u jaf żgur li anke pagament ta' LM3,000 kienet għamlet, iżda ma kinitx tagħtiha irċevuta. Fl-2011 bdiet tieħu ħsieb il-pagament it-tifla ta' Carmen, Nathalie Galea u ommu kienet staqsietha kif ġew daqshekk minn LM3,000 u Nathalie qaltilha li daqshekk jiġu euro, u ommu ma kinitx taf kemm jiġu euro u b'hekk kienet iffirmat. L-irċevuti kienu jiġu f'daqqa wara li kienu jiġġieldu għalihom, ta' sena jew sentejn qabel. Kienu jġiegħlu lil ommu tiffirma fuq l-irċevuta u ma kinux jagħtuha irċevuta u jiktbu fuq l-irċevuta li ġiet* refused *minn ommu. Hu kien sar jaf b'dan is-self fl-2018 meta kien mar Emanuel jgħidilhom li kien fadal €6,000 u beda jieħu ħsieb iħallas il-pagamenti ta' €150* cash *fix-xahar hu, mill-2019 sa l-ewwel 4 xhur tal-2021. Emanuel kien qallu biex jitfa' l-flus fil-*letter box. *F'April 2021 talbu l-irċevuti ta' sentejn u nofs għax qallu li kien fadal €5,000. Fil-fatt l-irċevuti juru żewġ dati, id-data ta' meta ħa l-pagament u data oħra fl-2018. Hu kien ħallas pagamenti ta' €150 fix-xahar iżda Emanuel kien tahom tmien irċevuti ta' €1,000 biss għal dan il-perijodu. Emanuel qallu li ma kienx jaf l-ammont dovut eżatt għax kien iżomm ir-rendikont fil-*lap top *li ma baqax jaħdem. Emanuel imbagħad qallu ejja niftiehmu nagħmlu karta ta' €2,000 u hu wieġbu, jekk ħaqqek €2,000 teħodhom imma jekk ma ħaqqekx ma teħodhomx. Emanuel qallu ommok ma tistax taqta' l-ammont jekk tħallas bil-€50 fix-xahar. Għalkemm mill-irċevuti jidher li ommu kienet tħallsu f'ammonti ta' aktar minn €50 fix-xahar. Kien hemm ukoll irċevuta ta' €1,200 dan żgur ma tħallasx f'xahar wieħed. Kien hemm żball ta' €400 fl-irċevuti li tnaqqas meta kien ġibed l-attenzjoni lil Sheldon. Hu kien ħallas €150 fix-xahar fis-sena 2019, 2020 u erba' xhur tal-2021 li jammontaw għal €4,200. Għalkemm hu ma jafx kif l-ammont ta' LM3,000 ġew €14,000. Il-mama ma kinitx taf taqra u tikteb imma kienet tagħraf biss il-firma tagħha. Ippreżenta kopja tal-irċevuti li kienu fil-pussess tiegħu li ġew immarkati Dok. PC1.*

*Xehdet Doris Cardona li kienet issellfet is-somma ta' LM3,000 minn Carmen Galea.Hi kienet tħallasha s-somma ta' LM100 fix-xahar għal xi 3 jew erba' darbiet qabel ma qalbu għall-euro u Carmen ma kinitx tagħtiha irċevuti. Carmen imbagħad qaltilha issa nqabbdek mat-tifla u ġiet bl-irċevuta u qaltilha li LM3,000 jiġu €14,000 u kienet hedditha. Hi ma kinitx taf taqra u tikteb u kienet tiffirmalha. It-tifla ta' Carmen hedditha mhux Carmen, iżda qatt ma għamlet rapport għax il-familjari tagħha ma kinux jaf li kienet issellfet il-flus. Hi għarfet il-firma tagħha fuq l-irċevuti u d-data.*

*Ra l-atti proċesswali u d-dokumenti kollha mressqa.*

*It-Tribunal jikkunsidra:*

*Mix-xhieda u l-provi mressqa jirriżulta illi Carmen Galea kienet sellfet lil Doris Cardona xi flus qabel is-sena 2008. Ġew ippreżentati numru ta' irċevuti tal-pagamenti mħallsa mis-sena 2011 sas-sena 2018, fejn jidher li hemm bilanċ pendenti ta' €4,156 mill-ammont ta' €13,976. Sfortunatament għalkemm mix-xhieda tal-atturi, jirriżulta illi kien hemm xi tip ta' karta bejn Carmen u Doris dan ma nstabx u għalhekk ma setgħetx tinġieb bħala prova stante li Carmen kienet mietet u l-ftehim baqa' ma nstabx. Skont l-atturi l-ammont li Carmen kienet sellfet lil Doris kien ta' LM6,000 filwaqt illi skont Doris l-ammont kien ta' LM3,000. L-ewwel irċevuta (fn. 1: fol. 29) tindika l-ammont misluf bħala €13,976 li bir-rata tal-euro mal-lira Maltija, taqbel mal-ammont ta' LM6000 u għalhekk it-Tribunal huwa konvint li s-somma mislufa kienet verament fl-ammont ta' LM6,000 u mhux LM3,000 ġialadarba dawn l-irċevuti li Doris kienet tiffirma tul is-snin baqgħu dejjem juru li l-ammont misluf kien ferm aktar minn LM3,000.*

*Il-familjari tal-konvenuta u l-konvenuta mhumiex jaqblu mal-ammonti pendenti għax jgħidu li ma kinux jingħataw irċevuta kull darba li jħallsu, kienu jħallu l-flus billi jitfgħuhom fil-*letter box *u kien hemm ukoll żball ta' €400. Fil-fatt mill-irċevuti jirriżulta illi veru kien hemm żball ta' €400 iżda din ġiet imnaqqsa fl-irċevuta numru 60 u 61. (fn. 2: fol. 89 u 90) Doris tgħid illi kienet tħallas lil Carmen direttament qabel ma bdiet tieħu ħsieb it-tifla ta' Carmen fl-2011 iżda ma kinitx tingħata irċevuti. Jirriżulta li l-ftehim sar bejn iż-żewġ nisa li kienu ġara u possibilment ħbieb li għall-ewwel ma ridux juru l-membri l-oħra tal-familja, sakemm fl-2008 Carmen kienet qalet lir-raġel tagħha Emanuel Galea. Mill-banda l-oħra t-Tribunal isibha diffiċli jemmen li Emanuel Galea sar jaf bis-self fl-2008 u beda jinsisti għall-ħlas fl-2011, wara tliet snin u mhux qabel. It-Tribunal jinsab imħasseb ukoll dwar il-pagamenti li kienu jsiru fix-xahar mit-tifel ta' Doris Cardona fl-ammont ta' €150 fix-xahar li ammontaw għal €4,200 meta ingħata irċevuta għal €1,000 biss fl-aħħar xhur tal-2021 daqs li kieku ma kien sar ebda ħlas fl-2019 u 2020. B'hekk minħabba fil-mod li kienu jingħataw l-irċevuti, kif ukoll id-dubju*

*dwar il-pagamenti li setgħu saru direttament lil Carmen Galea meta sar is-self, li seta' kien numru ta' snin qabel l-2008, it-Tribunal ser jagħżel li jemmen it-teżi illi l-ammont ta' €150 fix-xahar kien verament jitħalla fil-*letter box *bejn kull xahar bejn l-2019 u l-2021, li jammontaw għal €4,200 għax id-diżgwid inqala' hekk kif ingħata l-irċevuti li skont hu ma kinux jirriflettu l-ħlas li kien sar verament. Mill-ammont ta' €4,200 għandhom jitnaqqsu l-ammont ta' €1,000, li tagħhom kien ingħata irċevuti, b'hekk mill-bilanċ ta' €4,146 ser jitnaqqas l-ammont ta' €3,200."*

**L-Appell**

5. Fir-rikors tal-appell imressaq fit-12 ta' Marzu, 2024, l-atturi spjegaw li huma ħassewhom aggravati bid-deċiżjoni tat-Tribunal, u għalhekk talbu lil din il-Qorti tħassar u tirrevoka d-deċiżjoni appellata, u tilqa' t-talbiet kif oriġinarjament proposti minnhom.

6. L-appellanti ħassewhom aggravati għaliex it-Tribunal għamel interpretazzjoni żbaljata tal-fatti, u b'hekk wasal għal konklużjoni żbaljata. Jgħidu li l-punt ta' kontestazzjoni tagħhom huwa fejn it-Tribunal iddeċieda li jaċċetta l-verżjoni ta' Paul Cardona, iben l-appellata, fejn stqarr li kienu saru ħlasijiet fl-ammont ta' €150 bejn is-sena 2019, 2020 u 2021, fuq medda ta' tmienja u għoxrin (28) xahar. L-appellanti qalu li t-Tribunal ma mmotivax id-deċiżjoni tiegħu, u ma qalx għal liema raġuni kien qiegħed jaċċetta verżjoni minflok oħra. Qalu li t-Tribunal ikkonkluda li l-ammont pretiż fl-intier tiegħu kien ta' €13,976, u għalhekk it-Tribunal ma kellu l-ebda dubju li l-irċevuti huma ġenwini. Qalu li fil-fatt l-irċevuti huma kollha numerati f'sekwenza. L-appellanti qalu li skont ix-xhieda ta' Paul Cardona, jidher li dan għamel tmienja u għoxrin xahar iħallas mingħajr ma jirċievi ebda irċevuta, iżda xorta waħda baqa' jħallas. Imma dan jikkontrasta bil-kbir ma' dak li xehed l-appellant Emanuel Galea, li in kontro-eżami qal li huwa kien iżomm rendikont ta' kull ammont ta' flus li kien

jitħallas mill-appellata. L-appellanti qalu li meta kien hemm żball ġenwin ta' erba' mitt Euro (€400), dan kien ġie diskuss u tnaqqas minn dak li kien dovut. Qalu wkoll li mhux minnu li kien qiegħed jintuża *laptop* sabiex jinżamm rendikont tal-ħlasijiet, għaliex Carmen Galea ma kinitx taf tuża *laptop*. Qalu li huwa inverosimili ħafna, minn dak li jinsab fl-atti, li għal 28 xahar sħaħ saru pagamenti mensili u ugwali għal €150, meta l-appellanti qalu li kemm-il darba nqabżu l-pagamenti jew ma ngħatawx fl-intier tagħhom, u jkunu tħallsu wara, kif jirriżulta mill-irċevuti prodotti. L-appellanti qalu li Paul Cardona semma dettall fuq l-irċevuti, fejn ommu ġieli kienet tirrifjuta li tieħu l-irċevuta wara li tkun ħallset, u l-appellanti jgħidu li huma kienu jiddokumentaw dan il-fatt ukoll fl-irċevuti. Qalu li dan juri kemm huma kienu ġenwini, u ladarba kien sar il-ħlas, riedet irċevuta jew le l-appellata, huma xorta ħarġu rċevuta. L-appellanti qalu li mhux minnu li qatt kien hemm xi theddid min-naħa tagħhom fil-konfront tal-appellata, u għalhekk it-Tribunal ma setax jasal għall-konklużjoni li wasal għaliha b'mod sodisfaċenti, meta wieħed iqis il-provi kollha in atti.

**<u>Ir-Risposta tal-Appell</u>**

7. L-appellata qalet li s-sentenza appellata jistħoqqilha konferma. Spjegat li minkejja li l-appellanti jipppretendu li hija debitriċi tagħhom fl-ammont ta' €4,156, irriżulta li din is-somma kienet waħda vvintata mill-appellanti, u t-Tribunal iddeċieda li l-appellata minflok hija debitriċi fl-ammont ta' €956, u għalhekk ordnalha tħallas dan l-ammont flimkien mal-imgħaxijiet mid-data tat-talba sal-ħlas effettiv u finali.

8. L-appellata qalet li l-appell intavolat mill-appellanti huwa fieragħ u vessatorju, u huwa tenattiv ovvju sabiex dawn jiksbu sentenza favur tagħhom wara li l-ewwel deċiżjoni m'għoġbithomx. Qalet li filwaqt li l-appellanti jgħidu li l-aggravju tagħhom huwa bbażat fuq l-apprezzament żbaljat tal-provi, min-naħa l-oħra jgħidu li ma jaqblux mal-konklużjoni tat-Tribunal, mingħajr ma jgħidu li pereżempju t-Tribunal naqas milli jagħmel apprezzament ta' xi provi, jew li dan għamel xi interpretazzjoni ħażina ta' xi fatti, liġijiet jew prinċipji. L-appellata kompliet tgħid li din il-Qorti għandha diskrezzjoni twarrab l-apprezzament tal-provi li jkun għamel it-Tribunal, biss fejn jirriżulta li t-Tribunal ikun għamel xi żball manifest. Imma fil-każ odjern għandu jirriżulta li t-Tribunal sempliċiment qabbel ix-xhieda tal-appellanti u tal-appellata, u emmen il-verżjoni ta' Paul Cardona, kif spjega t-Tribunal fil-konsiderazzjonijiet tiegħu. L-appellata qalet li l-konklużjoni li wasal għaliha t-Tribunal mhijiex nieqsa mill-motivazzjoni kif jallegaw l-appellanti, u hija bbażata fuq fatti li ma jħallux lok għall-interpretazzjoni. Qalet ukoll li l-konklużjoni tat-Tribunal tagħmel sens fil-kuntest tal-prinċipju tal-ekwità. L-appellata qalet li l-appellanti mhumiex konvinċenti meta min-naħa l-waħda jgħidu li t-Tribunal m'għamilx sew meta kkunsidra li verament intefgħu l-pagamenti fil-*letter box,* minkejja li ma hemm l-ebda provi ta' dan, iżda fl-istess nifs jibnu l-każ tagħhom fuq ftehim li suppost kien hemm bil-miktub, iżda li huma jgħidu li ma jafux x'sar minnu. Qalet li dan ifisser li għall-appellanti, huwa skużabbli li huma m'għandhomx kopja tal-ftehim, jekk dan qatt eżista, iżda mhuwiex skużabbli li l-appellata m'għandhiex irċevuti ta' ħlasijiet li għamlet, minkejja li kien obbligu tal-appellanti li jagħtu dawn l-irċevuti.

9. L-appellata qalet li d-*double standards* isiru aktar evidenti meta l-appellanti jgħidu li huwa inverosimili li saru dawn il-pagamenti għal 28 xahar

sħaħ minn iben l-appellata, meta Cardona xehdet li kien hemm drabi fejn inqabżu l-pagamenti minnha, imma mhux minn binha, li kien dejjem puntwali fil-ħlasijiet. Qalet li filwaqt li l-appellant jgħid li huma qatt ma kienu jaċċettaw ħlas ta' aktar jew ta' anqas minn €150, hemm numru sostanzjali ta' irċevuti fejn l-ammont hu ferm akbar u xi drabi ftit anqas minn €150. Qalet li d-diżgwid jidher li nqala' meta l-appellanti taw irċevuta ta' €1,500, iżda fil-verità hija kienet ħallset ferm aktar minn hekk.

10. L-appellata qalet ukoll li filwaqt li l-appellanti jgħidu li mhux veru li binha kien iħallilhom il-flus fil-*letter box* għal 28 xahar sħaħ, min-naħa l-oħra dawn jonqsu milli jiġġustifikaw għal liema raġuni m'għamlu xejn u ma ħadu l-ebda azzjoni dak iż-żmien. L-appellata qalet li għandu jirriżulta li d-deċiżjoni tat-Tribunal hija waħda korretta, u tgħid dan minkejja li finalment hija xorta waħda ġiet ikkundannata tħallas ammont ta' flus.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

11. Din il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravju mressaq mill-appellanti fir-rikors tal-appell tagħhom, u dan fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet magħmula mit-Tribunal fis-sentenza appellata, u tas-sottomissjonijiet tal-appellata.

*L-Aggravju:* *[It-Tribunal għamel interpretazzjoni żbaljata tal-fatti u b'hekk wasal għal konklużjoni żbaljata]*

12. L-appellanti jikkontendu li t-Tribunal iddeċieda b'mod żbaljat wara li għamel interpretazzjoni żbaljata tal-provi li kellu quddiemu. Qalu li l-punt li

qiegħed jiġi kkontestat minnhom, huwa l-mod kif it-Tribunal qiegħed jaqbel li saru tmienja u għoxrin (28) pagament fuq medda ta' tmienja u għoxrin xahar minn iben l-appellata, li b'kollox jammontaw għal €4,200, u emmen it-teżi ta' iben l-appellata li huwa ma kienx qiegħed jingħata irċevuti għal dawn il-ħlasijiet, meta fil-verità huma kienu joħorġu irċevuta għal kull ħlas li kienu jirċievu, inkluż meta l-appellata kienet tirrifjuta li tingħata irċevuta.

13. Il-Qorti tqis li dan huwa każ tipiku fejn jeżisti nuqqas qawwi ta' provi, u fejn il-pożizzjoni ta' naħa hija dijametrikament opposta għall-pożizzjoni tan-naħa l-oħra. Jirriżulta li m'hemm l-ebda kontestazzjoni, minkejja d-dubji li jitqajjmu mill-appellata u minn uliedha, li s-somma mislufa verament kienet ta' €13,976, ekwivalenti għal LM6,000, u għalhekk l-appellata mhijiex korretta meta tgħid, u dan qalitu anki bil-ġurament quddiem it-Tribunal, li hija ssellfet mingħand mart l-appellant l-ammonti ta' LM2,000, u ta' €1,000 rappreżentanti irċevuti li nħarġu sussegwentement. Il-Qorti tagħmel riferiment għad-dokument iffirmat minn Carmen Galea u minn Doris Cardona nnifisha[1], u għad-dokumenti li jsegwu, li juri li l-ammont li ġie misluf kien ta' €13,976, u fil-fatt l-appellata laħqet raddet lura ammont ta' flus li huwa viċin l-€10,000, li huwa ferm aktar mill-ammont li hija tgħid li ssellfet mingħand il-mara tal-appellant, sabiex b'hekk skont l-appellanti kien għad fadal bilanċ ta' €4,156 x'jitħallas.

14. It-Tribunal aċċetta dak li xehed iben l-appellata Paul Cardona, li għamel tmienja u għoxrin pagament ta' €150 -il wieħed, li b'kollox jammontaw għal €4,200, u li għal dawn il-ħlasijiet huwa ma ngħata l-ebda irċevuta. Apparti l-konsiderazzjoni li l-ammont ta' €4,200 jeċċedi l-bilanċ li skont l-appellanti għadu

[1] *A fol.* 29 tal-atti quddiem it-Tribunal.

dovut, il-Qorti tqis li huwa inverosimili li iben l-appellata, li jagħti l-impressjoni li ħa l-kwistjoni f'idejh għaliex ommu ma kinitx taf timmaniġġja ċerti affarijiet, baqa' jagħmel il-ħlasijiet xahar wara xahar, mingħajr ma qatt ingħata irċevuta u mingħajr ma żamm ebda prova ta' dan, billi pereżempju ħallas permezz ta' *cheque*.

15. Il-Qorti ma taqbilx lanqas mal-komputazzjoni li għamel it-Tribunal. Ladarba t-Tribunal deherlu li għandu jnaqqas €1,000 mill-bilanċ dovut rappreżentanti irċevuti li nħarġu sussegwentement, il-bilanċ li jifdal huwa ta' €3,156 u mhux ta' €956. Mhux ċar u t-Tribunal ma mmotiva bl-ebda mod id-deċiżjoni tiegħu li mill-bilanċ li jidher li għadu pendenti inaqqas it-total ta' €3,200, u l-Qorti hawn ikollha taqbel mal-pożizzjoni li ħadu l-appellanti meta resqu dan l-aggravju tagħhom, li t-Tribunal żbalja fattwalment fl-evalwazzjoni li għamel tal-provi.

16. Għaldaqstant, u in vista tal-premess, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi li l-bilanċ li għadu dovut mill-appellata lill-appellanta, jammonta għal €3,156, u dan l-ammont għandu jitħallas bl-imgħax mid-data tat-talba, sad-data tal-ħlas effettiv.

## <u>Decide</u>

**Għar-raġunijiet premessi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi dwar dan l-appell, billi tilqgħu, u għalhekk tħassar u tirrevoka d-deċiżjoni appellata, u tiddeċiedi li l-bilanċ li għandu jitħallas mill-appellata lill-appellanti, huwa ta' tlett elef mija u sitta u ħamsin Euro (€3,156.00), flimkien mal-imgħax mid-data tat-talba sad-data tal-ħlas effettiv.**

**L-ispejjeż ta’ dawn il-proċeduri fiż-żewġ istanzi, għandhom jitħallsu mill-appellata.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**